



24.10.2012

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Subject:** Petizzjoni 0334/2012 imressqa minn T.K. (ta' ċittadinanza Ġermaniża), dwar l-applikazzjoni mill-Ġermanja tad-Direttiva 97/7/KE dwar il-ħarsien tal-konsumaturi rigward kuntratti mill-bogħod

### 1. Summary of petition

Skont il-leġislazzjoni tal-UE l-konsumaturi għandhom id-dritt li jirritornaw il-prodotti mixtrija b'kuntratti mill-bogħod sebat ijiem wara li jirċievu dawn il-prodotti. Huma intitolati għal rifiżjoni sħiħa tal-prodotti u l-ispejjeż postali biex jintbagħtuhom il-prodotti. Madankollu x-xerrejja jridu jħallsu l-ispejjeż postali biex jirritornaw il-prodotti. Skont it-traspożizzjoni Ġermaniża tad-direttiva, il-bejjiegħ għandu wkoll iħallas lura lix-xerrej l-ispejjeż postali biex il-prodotti li jiswew aktar minn €40 jintbagħtu lura lill-bejjiegħ. Il-petizzjonant jgħid li dan ipoġġi lill-kummerċjanti fuq distanza fi żvantaġġ inġust u jitlob lill-Parlament biex jipprevali fuq il-Ġermanja biex iġġib il-liġi tagħha konformi mal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-oħra tal-UE.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fl-4 ta' Lulju 2012. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni skont Artikolu 202(6).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ottubru 2012.

L-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Bejgħ mill-bogħod (97/7/KE) jipprovdi li l-uniku ħlas li jsir lill-konsumatur minħabba l-eżerċizzju tad-dritt tiegħu tal-irtirar huwa l-ispiża diretta tar-ritorn tal-oġġetti. Barra minn hekk, l-Artikolu 14 jipprovdi għal klawsola ta' armonizzazzjoni minima li jfisser li l-Istati Membri jistgħu jintroduċu jew jżommu dispożizzjonijiet iktar stretti, kompatibbli mat-Trattat, biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur. Ir-regola u l-prattika Ġermaniża msemminjin mill-Petizzjonant huma għalhekk kompatibbli mad-

Direttiva.

Madankollu, l-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, adottat f'Ottubru 2011, jintroduċi formulazzjoni ġdida li skontha l-konsumaturi għandhom iħallsu direttament biss għar-ritorn tal-oġġetti sakemm in-negozjant ikun ftiehem li jħallas hu, jew in-negozjant ikun naqas milli jinforma lill-konsumatur li dan għandu jħallas. Barra minn hekk, l-Artikolu 6.1(i) jirrikjedi li n-negozjanti jinfurmaw lill-konsumaturi dwar l-ispiża tar-ritorn tal-oġġetti qabel il-konklużjoni tal-kuntratt, jekk l-oġġetti skont in-natura tagħhom ma jstgħux jiġu ritornati bil-posta. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sat-13 ta' Diċembru 2013, il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw mad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur. Il-livell ta' armonizzazzjoni nbidel ukoll, peress li l-Artikolu 4 jipprovdi li l-Istati Membri m'għandhomx iżommu jew jintroduċu, fil-liġi nazzjonali tagħhom, dispożizzjonijiet differenti minn dawk stabbiliti fid-Direttiva, inklużi dispożizzjonijiet xi ftit jew wisq stretti biex jiġi żgurat livell differenti tal-protezzjoni tal-konsumatur.

Konklużjoni

Il-kwistjoni msemmija tirrigwarda l-implimentazzjoni tad-Direttiva 97/7/KE li tippermetti li l-Istati Membri jipprovdu għal dispożizzjonijiet iktar stretti, kompatibbli mat-Trattat, biex jiġi żgurat livell oġġetiv ta' protezzjoni tal-konsumatur. Il-bidliet fil-liġi Ġermaniża li ntalbu mill-petizzjonant għandhom, madankollu, jinkisbu permezz tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur li, sal-aħħar tas-sena d-dieħla, se tħassar u tiegħu post id-Direttiva dwar il-Bejgħ mill-bogħod 97/7/KE.

Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, u fl-assenza ta' iktar informazzjoni, il-Kummissjoni m'għandhiex raġunijiet biex tkompli tinvestiga din il-kwistjoni.